# It-Tmexxija tar-Raħal taż-Żebbuġ f'Għawdex (1810-1839)

**minn Winston L. Zammit B.A. (Hons) P.G.C.E., M.A.**

Il-gvern lokali li twaqqaf permezz tal-Att Numru 15 tal-1993, ma kienx l-ewwel forma tax-xorta tiegħu li twaqqaf fil-gżejjer Maltin. Fil-fatt, kemm taħt il-Kavallieri (1530-1798), il-Franċiżi (1798-1800) u l-Ingliżi, kellna forma ta' gvern lokali.

Fil-kampanja ta' Għawdex inkluż ir-raħal taż-Żebbuġ kien hemm forma ta' gvern lokali bejn l-1810 u l-1836.[1]

Meta spiċċa l-Imblokk f'Settembru 1800, u bdiet il-ħakma kolonjali Ingliża, l-Ingliżi bdew jaħtru uffiċjal bl-isem ta' 'logutenent' biex jieħu ħsieb it-tmexxija tar-raħal jew belt u minn proklama li ħarġet fid-9 ta' Mejju 1811, jidher li kien hemm Logutenet kważi fl-ibliet u l-irħula kollha ta' Malta.[2]

## Is-Sistema ta' Għawdex

Is-sistema tal-kampanja ta' Għawdex jidher li kienet differenti minn dik ta' Malta. Ma nħatarx 'Logutenent' iżda 'Capitani' f'diversi rħula. Hekk insibu li fit-12 ta' Diċembru 1811, Michele Gauci ngħata l-ħatra ta' 'Capitano di Casal Garbo'[3] fil-waqt li f'April 1802, M.A.Zammit kellu l-kariga ta' 'Capitano' f'raħal ieħor.[4]

Iżda fil-25 ta' Ottubru 1814 il-Kummissarju Ċivili Sir Alexander Balls ħatar Sindku għal kull wieħed mis-sitt irħula ta' Għawdex. Kull Sindku kellu salarju ta' ħames skudi fix-xahar. Għar-raħal taż-Żebbuġ ġie maħtur bħala Sindku Vincenzo Mizzi.[5] Mizzi kien għadu fl-istess kariga fl-1812, iżda s-salarju tiegħu issa kien tela' għal 7 skudi u 6 tari.[6] Wara r-riforma kożmetika li kien għamel Maitland fil-qasam tal-gvern lokali fl-1815, Mizzi baqa' jmexxi r-raħal taż-Żebbuġ mhux bit-titlu ta' Sindku imma bit-titlu ta' Deputat Logutenent.[7]

Ma nafux meta spiċċa minn din il-kariga Vincenzo Mizzi. Iżda nsibu li fl-24 ta' Lulju 1820 inħatar bħala Deputat Logutenent taż-Żebbuġ Mikiel Angelo Refalo li fl-1821 kellu salarju ta' 12-il skud fix-xahar jew L13 fis-sena.[8] Iżda sa l-1825 dan is-salarju kien imnaqqas għal L11.3s[9]

X'kienu d-doveri ta' Refalo fir-raħal taż-Żebbuġ? Id-doveri tiegħu kienu li jżomm l-ordni pubbliku, jarresta lil min jikser il-liġi u jinforma lill-kmandant u l-uffiċjal ewlieni tal-gżira dwar kull ċirkustanza ta' natura straordinarja[10]. Hawnhekk ta' min isemmi wkoll li M.A.Refalo minbarra li kellu l-kariga ta' Deputat-Logutenent kien ukoll impjegat mal-'Monte di Pieta' f'Għawdex.[11]

B'effett mill-1834 in-numru ta' deputati logutenenti fin-numru tal-gżira ta' Għawdex tnaqqas bi tnejn u minn sitta saru biss erbgħa. Din ir-riforma laqtet lir-raħal taż-Żebbuġ li ma baqax ikollu deputat logutenent għalih. Minflok, issa t-tliet irħula tal-Għarb, Żebbuġ u Għasri kellhom jitmexxew minn deputat-logutenet wieħed u din il-kariga ngħatat lil Michele Gauci li kien ilu jeżerċita l-kariga ta' Deputat Logutenet fir-raħal tal-Għarb sa mill-5 ta' Ġunju 1815. Għax-xogħol tiegħu biex jieħu ħsieb dawn it-tliet irħula, Gauci kellu salarju ta' L12 fis-sena[12]

Michele Gauci baqa jokkupa l-kariga ta' Deputat-Logutenet tat-tliet irħula tal-Għarb, Għasri u Żebbuġ sakemm dan l-uffiċċju ġie abolit fl-1839[13]. Wara ngħata pensjoni ta' L8 fis-sena[14]

---

Riferenzi;


1 Zammit N. L. , Forom ta' Gvern Lokali fil-Gżejjer Maltin (1773-1993). F'Tas-Sliema. Leħen il-Kunsill tiegħek, Mejju-Ġunju 2004, pp.28, 30.
2 IBID p. 29
3 A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) REGISTRO DEI MEMORIALI Decretati da Cameron (19-VIII-1811 – 12-XII-1811) p.363.
4 A. N. M. REGISTRO DEI MEMORIALI decretati da Cameron (1-1-1802 – 18-111-1812) p.339.
5 A. N. M. Nomina d'impiegi (31-VII-1802 – 31-VII-1881) p.42.
6 A. N. M. PS/06/1 p.49.
7 M(alta) G(ovt) G(azzette) 7.VI.1815, 28.11.1815.
8 Malta Blue Book 182, pp. 85, 86, 1825 p.194, 195.
9 Malta Blue Book 1825, pp.194, 195.
10 Malta Blue Book 1821 pp. 85, 86.
11 A. N. M. Csg/01/ Le Marchant Vol 73, 1863 No 10980. Minn dan id-dokument jirriżulta li M. A. Refalo kien impjegat mal-'Monte di Pieta' f'Għawdex mill-1 ta' Marzu 1825 sakemm irtira bil-pensjoni fl-1863. Wara li kien ilu fis-servizz tal-Gvern għal 44 sena u xahrejn. Dak iż-żmien kellu 67 sena u xahrejn. Dan jindika li twieled bejn wieħed u ieħor fl-1796. Interessanti li f'dan id-dokument tniżżel li kien Deputat Logutent taż-Żebbuġ bejn 1-VII-1819 u l-31 ta' Diċembru 1834.
12 Malta Blue Book 1835, pp.132, 133.
13 Il-kariga ta' Deputat Logutenent ġie abolit fl-1839. Ara M. GG 16.VIII.1839 p. 159.
14 A. N. M. CSG/04/ . Letters April 1839-Feb. 1840. Letter to Giuseppe Casolani, Castuar of the Government Treasury Valletta 2-1-1840 p. 513.


Sliema – Malta